Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 9

It-Tnejn 9 ta' Diċembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu, li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

ASSENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Jordy Brincat | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| 9.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 9.1.1 | Is-Sa. Elenia Desira bagħtet ittra ta' apologija sabiex tigi skużata mill-laqgħa għar-ragunijiet li m'għandix kontroll fuqhom. Il-Kunsilliera preżenti accetaw l-appoloġija u ma' sabu l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata. |
| 9.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 9.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti numerata 8 tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 9.2.2 | Is-Sur Stephen Caruana ppropona, u s-Sa. Janice Chetcuti ssekondat l-minuti tas-Seduta 8 u li dawn ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| 9.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 9.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti dwar l-aħħar żvillupi fuq il-barumbara fejn l-NGO li qed tieħu ħsieba, aċċettaw li din tiċċaqlaq għall-post mixtieq. Dan wara li l-perit irid jagħmel ir-riċerka. Din għandha tinħatt u terġa tinbena mill-ġdid fil-post indikat. |
| 9.3.2 | Is-Sindku reġgħa qajjem il-punt rigward l-ittra lill-bejjiegħa tal-monti rigward il-qisien u l-posti l-ġodda lill-bejjiegħa. Il-Ministeru jrid li din l-ittra tintbgħat mill-Kunsill Lokali permezz ta' ittra reġistrata. Wara diskussjoni twila u libera bejn dawk preżenti dwar diversi materji pendenti, il-Kunsill irid li biex tintbgħat din l-ittra il-monti jkun taħt ir-reponsabbilità sħiħa tiegħu. Is-Sindku se jitkellem mal-Ministeru kkonċernat. |
| 9.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li saret laqgħa ma' residenta mil-lokal rigward il-proposta tagħha sabiex f'Marsaxlokk isir *Community Garden*. Il-Kunsill diġa ressaq idea tiegħu fuq il-post fejn jista jsir dan il-proġett. Ir-residenta kellha tmur tara l-post indikat sabiex tara jekk dan il-proġett għall-kommunità hux possibli li jsir. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. |
| 9.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2019, flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attenda Urban Greening Project f'Ta Qali. Din il-laqgħa kienet tirigwardja dwar proġett ta' tħawwil ta' siġar u pjanti fil-lokalita. Din l-iskema tgħin billi l-ispiża ta' mhux iżjed minn €30,000 jinħarġu minn Ambjent Malta. Il-Kunsill irrid jidentifika l-post u jieħu ħsieb ix-xiri kollhu li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa fil-post indikat mill-Kunsill mal-persuna kkonċernata mill-aktar fiss. |
| 9.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li dakinhar stess filgħodu fl-uffiċċju tal-Kunsill iltaqgħu membri mill-Ministeru flimkien mal-*bidders* li se jitfgħu t-*tender* tal-riġenirazzjoni taz-zona tal-Magħluq. Wara dawk preżenti marru fuq il-post fejn se jsir ix-xogħol. Is-Sindku qall li l-Kunsill ma kienx infurmat b'din il-laqgħa. |
| 9.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kellu kuntatt mal-WSC u l-kuntrattur li se jagħmel ix-xogħol fi Triq Dellimara. Dan ix-xogħol sal-llum għadu ma bediex. Is-Sindku qall li l-kuntrattur sab problema |

| | |
|---|---|
| | li hemm żoni fejn il-ħitan tas-sejjieħ fl-imsemija triq jistgħu jaqgħu meta dawn se jgħaddu bil-makkinarju. Il-Kuntrattur irrid jagħmel laqgħa mal-Kunsill u l-WSC. Is-Sindku jrid li ssir laqgħa fuq il-post u li sa dan it-tant ningħataw kopja tal-kuntratt. |
| 9.3.7 | Is-Sindku qal li l-ikla tal-Milied li ssir kull sena bejn il-membri tal-Kunsilliera, l-impjegati u l-ħaddiema assenjati se ssir nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru 2019. |
| 9.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 9.4.1 | Ma kienx hemm. |
| 9.5 | Rapporti |
| | - Permezz ta' koorispondenza datata 9 ta' Diċembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-smart bins fil-lokalità tagħna. Il-Kunsill Lokali ma jaqbilx li jinstalla dawn il-bins fil-lokalità minħabba li jistgħu jservu bħala lok ta' abbuż<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 9 ta' Diċembru 2019 mingħand Marsaxlokk Heritage, fejn din l-għaqda qed titlob *No Objection Letter* mill-Kunsill Lokali, sabiex jitwaqqaf monument fir-*roundabout* ta' Triq iż-Żejtun. Wara diskussjoni libera, l-Kunsill għalkemm qabel mal-idea tal-monument, però ma qabilx mal-post indikat peress li diġa hemm simbolu ieħor li sar fil-passat, u wkoll minħabba li bħala Kunsill stajna nkunu kkonsultati mill-bidu nett ta' din l-idea.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 6 ta' Diċembru 2019 mingħand residenta, fejn din ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward nuqqas ta' ndafa fi Triq Xrobb l-Għaġin. Ir-residenta wkoll issuġeriet li ssir *clean up day* f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel li 'l quddiem issir *clean up* hemm ukoll.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 5 ta' Diċembru 2019 mingħand il-kumpanija WasteServ sabiex jitolbu l-permess tal-Kunsill Lokali sabiex il-*kerbside truck* jibda jipparkja Triq iż-Żejtun (maġenb ic-*centre strip*) minflok fil-parkeġġ tal-Magħluq. Il-Kunsill jaqbel ma dan is-suġġeriment u lesti li ssir bi prova u li nipprovdu t-tabelli neċċesarji.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 5 ta' Diċembru 2019 mingħand il-Kunsilliera Janice Chetcuti sabiex niddiskutu l-problema ta' qtil tal-qtates fil-lokalità. Wara diskussjoni libera, l-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma dawk li wrew interess f'din il-problema. Il-laqgħa se ssir nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.00pm fil-binja tal-Kunsill.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 3 ta' Diċembru 2019 mingħand il-*Planning Authority*, il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk ġie nfurmat li ntbgħat avviż ta' infurzar sabiex titneħħa struttura tal-provediment tal-ilma fuq art pubblika f'Xatt is-Sajjieda. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-propjetarju sabiex jiddiskuti din il-materja u wkoll ir-raġuni għala kien waqqa l-applikazzjoni.<br><br>- Permezz ta' Direttiva7/2019 bis-suġġett '*Risk Assessment tal-Playing Fields* madwar Malta u Għawdex' datata 4 ta' Diċembru 2019, is-Sindku qal li għal Ġnien il-Familja mat-tender diġa kien |

| | |
|---|---|
| | hemm Risk Assessment u li l-Kunsill diġa beda jirranġa xi ħsarat. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil dak il-kuntrattur li qed jieħu ħsieb ta' Ġnien il-Familja sabiex naraw is-sitwazzjoni kif inhi bħalissa.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 2 ta' Diċembru 2019 mingħand l-Malta Tourism Authority fuq il-problema ta' ġrieden li hemm fiz-zona tat-*Tourist Information Office*. Is-Sindku qal li din il-parti tnaddfet permezz tal-ħaddiema assenjati. Nibgħatu lura lil din l-awtorità sabiex naraw jekk din il-problema ġietx solvuta bix-xogħlijiet li saru.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 30 ta' Novembru 2019 mingħand Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward *Christmas Gathering*, ħadd mill-membri tal-Kunsill mhu se jattendi.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 29 ta' Novembru 2019 mingħand Direttriċi tal-films rigward *No objection letter* għall-filming f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali xtaq iżjed informazzjoni, dokumenti u site-plans fuq din il-materja.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill koorispondenza mibgħuta bejn il-Kunsill Lokali u l-kuntrattur tal-*Bulky Refuse* sabiex issir laqgħa mill-aktar fiss minħabba kontijiet li għadom ma tħallsux. Il-Kunsill qabel li nerġgħu nibgħatu email sabiex issir din il-laqgħa.<br><br>- Permezz ta' koorispondenza datata 25 ta' Novembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward it-tender tal-*Contracts Manager*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal li dan it-tender suppost diġa nħareġ. Il-membri tal-Kunsill qablu li jistennew ftit ieħor u l-materja terġa tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. Sa dan it-tant naraw jekk hux possibli li jkollna *template* ta' kif issir dan il-kuntratt.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 22 ta' Novembru 2019 mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, rigward li s-Sur Jordy Brincat ġie maħtur bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk mill-14 ta' Diċembru 2019.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 22 ta' Novembru 2019 mingħand *Nature Trust Malta* rigward *LIFE Euro Turtles Project*. Kien hemm qbil li niltaqgħu magħhom f'Jannar 2020.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br><br>PA/08045/19, RG/02919/19, PA/04341/19, RG/01577/19, PA/09148/19, PA/09173/19, PA/09026/19, RG/02737/19, PA/05338/19, PA/06900/19, PA/07717/19, PA/07882/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li se jkollha ssir letterhead ġdida minħabba li aċċess sabiex din tkun tista tinbiddel m'għandiex. Il-Kunsill qabel biex din issir.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li ser isir meeting mal-Avukat tal-Kunsill rigward il-kuntratt tal-kera tal-uffiċċju amminstrattiv. |

| | |
|---|---|
| | - *Hawn il-laqgħa ġiet sospiża fil-5:23pm*<br>------------------------------------------------------------------------------------------------------<br>- *Hawn il-laqgħa tkompliet fil-5.28pm* |
| 9.6 | Mozzjonijiet |
| 9.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 9.7 | Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv |
| 9.7.1 | - Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li trid tinħareġ il-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Wara spjegazzjoni żgħira dwar dan il-proċess, il-Kunsill qabel li jitkellem ma persuna teknika sabiex ittih l-għajnuna proffesjonali sabiex din l-vakanza toħrog. Is-Sindku se jagħmel kuntatt mal-persuna sabiex din tiġi u tiltaqà mal-Kunsill. |
| 9.8 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 9.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.13/19) għall-approvazzjoni. |
| 9.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, ssekondata mis-Sur Daniel Zerafa, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 9.8.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' għall-ewwel parti tax-xahar ta' Diċembru 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali |
| 9.9 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 9.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-5:40pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2020, fl-4.00pm. |

Konfermati, illum 6 ta' Jannar 2020.

IFFIRMATA IFFIRMATA

___________________ ___________________

Steven Grech
Sindku

Jordy Brincat
DeputatSegretarju Eżekuttiv